# KNISJA KATIDRALI GĦAWDEX

**Uffiċċju Parrokkjali: Tel: 2155 4101 • Fax 2156 4572 • Email: info@gozocathedral.org.mt • www.gozocathedral.org.mt**

**Ħinijiet: Filgħodu**: l-Erbgħa u l-Ġimgħa: 8:30am - 10:30am, **Filgħaxija:** Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 5:00pm - 7:00pm Knisja 21 556087

Arċ Mons. Ġ Attard 9984 7099/21566988(Dar) • monsjosephattard@gmail.com • Fr.Joe Calleja 9944 7718 • Fr. Michael Galea 79210250 -Librerija 21560479

## Il-MILIED IT-TAJJEB.

Il-Milied huwa misteru kbir tal-Imħabba kbira t'Alla tagħna, li ried isir wieħed minna u bħalna, għalhekk:

- **Il-Misteru tal-Milied** jitfa' dejjem dawl ġdid fuq il-ħajja soċjali tal-bniedem.
- **Il-Messaġġ ewlieni tal-Milied** ifakkarna li Alla tant ħabb lid- dinja, li ta lil Ibnu Ġesù, biex min jemmen fiĦ isalva.
- **Kull festa tal-Milied** trid tistedinna biex nilqgħu f'qalbna lil Kristu, mhux biss f'dan iż-żmien, iżda matul is-sena kollha.
- **F'dan il-Milied** nixtieq nawgura lill-Familji kollha tal-Parroċċa tagħna il-Milied it-Tajjeb mimli ferħ veru fil-Mulej Ġesù Bambin u ġid spiritwali kbir.

L-Arċipriet, **Mons. Ġużepp Attard**

**Is-Sibt 25 ta' Diċembru 2010 - IL-MILIED**

***Il-Ħinijiet tal-quddies ikunu bħall-Ħadd.*** **5.45 pm:** Priedka tal-Milied mill-abbati Keith Mercieca, **6.00 pm**: Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Jieħu sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*, flimkien mal-orkestra taħt id-direzzjoni tal-Mro.Colin Attard

**7.30pm:** L-aħħar quddiesa għal Jum il- Milied.

**Il-Ġimgħa 31 ta' Diċembru 2010 - l-AĦĦAR TAS-SENA**

**8.30 am:** Jingħata bidu għall-Adorazzjoni Solenni quddiem Ġesù Sagramentat, b'radd il-ħajr lil Alla tas-sena li waslet biex tintemm. **6.00 pm:** Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' Radd il-Ħajr immexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral u fi tmiemha jitkanta t-Te Deum f'għeluq is-sena. Jieħu sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*, flimkien mal-orkestra taħt id-direzzjoni tal-Mro.Colin Attard

***N.B. Ma jkollniex il-quddiesa tas-7.15pm.***

**Is-Sibt 1 ta' Jannar 2011 - L-EWWEL TAS-SENA**

***Il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħall-Ħadd.*** **6.00 pm:** Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Jieħu sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. **7.30 pm:** Quddiesa.

**Il-Ħadd 2 ta' Jannar 2011 - EPIFANIJA TA' ĠESÙ**

**6.00 pm:** Pontifikal solenni mmexxi mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral, li matulu ssir it-tħabbira tal-festi liturġiċi ta' matul is-sena 2011.

**7.30 pm:** Quddiesa.

***Wara kull Quddiesa, ikun hemm il-bews tal-Bambin bħala turija ta' Adorazzjoni lil Ġesù.***

## Ħarġa Parrokkjali tal-Milied għal MALTA.

**Nhar it-Tlieta 28 ta' Diċembru** tluq minn Pjazza Savina fis-2.30 pm,
Inżuru xi presepji fil-Belt, u postijiet oħra ta'interess. Niġu lura mal-Vapur tal-10.30 pm.
**Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew minn għand Ġorġ u Grace Debono**.
**Prezz : 10 Euro**

**Dimostrazzjoni b'Ġesù Bambin,** organizzata mill-membri tal-MUSEUM, li tgħaddi mit-toroq tagħna, **lejliet il-Milied**. Tibda fis-**7.00pm minn ħdejn il-Knisja ta' San Ġakbu** fi Pjazza Indipendenza u tgħaddi minn Triq San Ġużepp, Pjazza San Ġorġ, Triq San Ġorġ, Triq il-Librerija, Pjazza Sant'Wistin, Triq Vajrinġa, Pjazza San Franġisk, Triq Palma, Triq ir-Repubblika u lura fi Pjazza Indipendenza, fejn taħt it-tinda ser jittella' programm qasir ta' kant, poeżiji u l-priedka tradizzjonali tat-tifel. Filwaqt li nistednukom biex ilkoll bi ħġarkom tipparteċipaw billi tkunu preżenti u tagħtu xhieda ta' dan il-Misteru hekk kbir tal-inkarnazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Tkun ħaġa xierqa wkoll li minn fejn ser tgħaddi d-dimostrazzjoni jinxtegħlu l-galleriji.

| | |
|---|---|
| **26.12.10** | 4.45am Fam. Cordina 5.45am Simon Camilleri 6.45am Anthony Grech 7.45am Joseph Caruana 10.30am Toni u Carmela Bajada 12.00am Jason u Emanuel Gatt 5.00pm Marija Ħili 6.00pm Adrian Agius 7.15pm John Rapa. |
| **27.12.10** | 5.30am Grezzja Mifsud 6.15am Peter Paul u M'Ġwann Portelli 7.30am Joseph Grech 8.00am Michael u Marija Debrincat 6.00pm Karlu u Marija Vella 7.15pm M'Dolores Buttiġieġ u Frances Buħagiar. |
| **28.12.10** | 5.30am 6.15am 7.30am 8.00am 6.00pm Lilian Magro 7.15pm Fam. Cremona. |
| **29.12.10** | 5.30am Lilian Magro 6.15am Tarċisja u Ġanġu Borġ 7.30am Lilian Magro 8.00am Sherin Schembri 6.00pm Joseph Micallef 7.15pm Victor Vella Muscat. |
| **30.12.10** | Il-Quddies kollu b'suffraġju ta' Joseph Portelli. |
| **31.12.10** | 5.30am Ferdinand u Kostantina Camilleri 6.15am Ċikku u Petronella Grech 7.30am Fam. Vella Muscat 8.00am Carmen Camilleri 6.00pm **Pontifikal.** |
| **01.01.11** | Il-Quddies kollu b'suffraġju ta' Mons. Joseph Farrugia **6.00pm Pontifikal** L-aħħar quddiesa fis-**7.30 pm.** |

Dan il-bullettin ġie mħallas minn Francesca Mercieca b'suffraġju ta' Elija Mercieca f'għeluq il-ħames snin mill-mewt tiegħu.